**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Gunju, 2021**

**Talba Nru: 169/2019PM1**

**Citadel Insurance p.l.c. (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Gloria Zarb Cousin, bil-polza u bil-ligi, u l-istess Gloria Zarb Cousin**

**Vs**

**Kevin Azzopardi ezercenti in kummerc bhala Kevin Azzopardi Building Contractors u/jew K Azzopardi Building Contractor**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-hamsa (5) ta' Lulju, 2019 li permezz ta' liema l-atturi talbu li, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, it-Tribunal ghandu jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi u dana minhabba *inter alia*, traskuragni, negligenza, imperizja u/jew non-osservanza ta' regolamenti u dan wara li waqa' materjal ta' kostruzzjoni minn sit mahdum mill-konvenut fi Triq ir-Rebha, Gzira u li kkawza d-danni lill-vettura EBR996 assigurata mas-socjeta` attrici u proprjeta` tal-attrici Gloria Zarb Cousin u dan fil-5 ta' Dicembru, 2016 u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas id-danni sofferti mill-istess atturi ammontanti ghal €2757.28 konsistenti f' €55 rapprezentanti

*excess* imhallsa mill-attrici Gloria Zarb Cousin u €2702.28 imhallsa mis-socjeta` attrici. Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 106/18 intavolata fid-19 ta' Jannar, 2018 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv l-istess konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tal-istess inkluzi r-rapport tal-Pulizija Ezekuttiva, survey report u ricevuta relattiva ghall-hlas tal-excess.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa illi :

1. Fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez,
2. F'kull kaz, l-eccipjent ma kkawza ebda hsara kif jallegaw ir-rikorrenti, izda jekk xejn kienu terzi persuni li setghu ikkawzaw tali hsara, bhal kif inhuma haddiema tad-ditta Alberta, haddiema ta' JS Dimech, haddiema ta' certu Toni l-bajjad, u haddiema tas-sidien tal-blokk in kwistjoni
3. Inoltre u minghajr pregudizzju, l-eccipjent mhuwiex responsabbli ghal xi danni u lanqas ikkawza xi danni lir-rikorrenti.
4. Inoltre u minghajr pregudizzju, ir-rikorrenti ghandhom igibu l-ahjar prova skont il-ligi in sostenn ta' kwalunkwe ammont pretiz minnhom. Is-somma pretiza mir-rikorrenti qed tigi kkontestata.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
   Bl-ispejjez u b'rizerva ta' kull azzjoni kompetenti lill-eccipjent fil-konfront tar-rikorrenti.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Jonathan Gatt, PC160 Wayne Borg u Gloria Zarb Cousin u ra d-dokumenti ezebiti waqt is-seduta tas-27 ta' Jannar, 2020.

Sema' x-xhieda ta' Etienne Scicluna u ra d-dokument ezebit waqt is-seduta tas-26 ta' Frar, 2020.

Sema' x-xhieda ta' Natalino Agius waqt is-seduta tad-19 t'Ottubru, 2020.

Ra li waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar, 2021 l-atturi iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu.

Ra li waqt is-seduta tal-14 ta' Gunju, 2021, ghar-ragunijiet hemmhekk indikati, it-Tribunal iddikjara l-istadju tal-provi maghluqin u sema' t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukata tal-atturi.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern.

Ra li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi din hija kawza li permezz taghha l-atturi qed jitolbu kumpens ghad-danni sofferti minnhom meta, minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u/jew non-osservanza ta' regolamenti, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBR996 assigurata mis-socjeta` attrici u proprjeta` tal-attrici Zarb Cousin sofriet hsara meta, fil-5 ta' Dicembru, 2016, waqa' materjal ta' kostruzzjoni minn sit mahdum mill-konvenut. Il-konvenut wiegeb billi eccepixxa illi huwa ma kkawzax il-hsara allegata u li m'huwiex responsabbli ghal xi danni. Eccepixxa wkoll li huwa kien qed jikkontesta l-ammont mitlub.

Illi ghaldaqstant jispetta lit-Tribunal jiddetermina, fl-ewwel lok, il-kawza tal-hsara allegata mill-atturi (b'referenza ghat-tieni eccezzjoni tal-konvenut) u kwindi ir-responsabilita` ghall-istess (b'referenza ghat-tielet eccezzjoni tal-konvenut) u jiddetermina jekk l-atturi gabux l-ahjar prova tal-ammont mitlub minnhom (b'referenza ghar-raba'eccezzjoni tal-istess konvenut).

Illi dwar ir-responsabilita`ghall-akkadut xehdet l-istess attrici Zarb Cousin fis-sens illi:

> *Nghid li jiena kont ipparkjajt il-vettura vicin tal-kumpless maghruf bhala Marshal Courts fil-fatt tlajt inkellem lil xi hadd hemmhekk domt madwar siegha u nzilt. Meta nzilt sibt il-karozza kollha konkrit. Qed nigi mistoqsija fejn ipparkjajt jiena u nghid li jiena pparkjajt in-naha l-ohra tat-triq kien hemm construction site. Mill-memorja nghid li ma kien hemm xejn illi jeskludi jew li kien iwaqqafni milli jiena nipparkja hemmhekk. Nghid li din il-construction site kienet miftuha, ma kien hemm l-ebda netting jew protezzjoni ohra li kienet b'xi mod taghlaq dan is-sit.* (xhieda moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Jannar, 2020)

Tali verzjoni tinsab ulterjorment konfortata mix-xhieda tal-PC 160 Wayne Borg li f'tali rigward ezebixxa r-rapport relattiv ghall-incident u kkonferma wkoll li:

> "*Nghid li meta giet Zarb Cousin l-Ghassa kienet ilmentat mill-fatt illi kellha l-vettura taghha fi Triq ir-Rebha, Gzira u sabitha meta marret biex tigborha mimlija droplets tas-siment. Il-vettura rajtha, jiena f'dik l-okkazzjoni stajt ninnota taqtir tas-siment li kienu prattikament ikopru l-vettura fuq is-saqaf, fuq wara u fuq quddiem u anke xi ftit ukoll fil-gnub.*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Jannar, 2020)

Illi, fil-fatt avut rigward ghal dak li jinghad fl-istess rapport tal-Pulizija it-Tribunal ma jistax ma jilhaqx ic-certezza morali rikjesta minnu li l-hsara sofferta mill-atturi effettivament giet ikkawzata mill-konvenut. Fil-fatt jirrizulta mill-istess rapport li l-konvenut f'dak l-istadju mhux talli ma cahadx li l-hsara giet ikkagunata minnu jew li hu ma setax jigi ritenut responsabbli ghaliha imma talli sahansitra ghadda d-dettalji tieghu lill-Pulizija sabiex dawn min-naha taghhom ikunu jistghu jghaddu l-istess lill-attrici biex huwa jkun jista'jaghmel tajjeb ghall-hsara sofferta minnha:

> "*The undersigned PS928 called at the construction site and spoke to the person responsible a certain Kevin Azzopardi.* ***Same was informed with the incident and from his end told Police to give his details to the victim so she can contact him so as to make good for the damages caused.***" (enfazi mizjuda – Dok. WB1 a fol. 28 et. seq. tal-process)

Ghat-Tribunal is-surreferit jammonta ghal ammissjoni tar-responsabilita` da parti tal-istess konvenut. Huwa minnu li, permezz tal-azzjoni odjerna huwa eccepixxa li kien hemm terzi persuni li "*setghu ikkawzaw tali hsara, bhal kif inhuma haddiema tad-ditta Alberta, haddiema ta'JS Dimech, haddiema ta'certu Toni l-bajjad u haddieda tas-sidien tal-blokk in kwistjoni*". Madanakollu dan it-Tribunal ma jistax jistrieh esklussivament fuq dak li jinsab ecceppit *multo magis* abbazi ta' **mera supposizzjoni ta' dak li possibilment "*setgha*" gara**. Il-konvenut baqa' ma xehedx f'dawn il-proceduri wisq anqas ressaq provi ohrajn li jistghu b'xi mod jincidu fuq dak dikjarat minnu stess meta gie mitkellem mill-Pulizija fir-rigward ta' dan l-istess kaz. Fil-fatt, il-konvenut lanqas

ma wettaq dak mehtieg mir-Regolament 6 tar- **Regoli dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar** sabiex irendi tali terzi indikati minnu partecipi f'dawn il-proceduri:

> *"(1) Jekk il-konvenut jidhirlu li għandu jkun ħadd ieħor li jħallas it-talba, huwa għandu jindika fir-risposta tiegħu min hi dik il-persuna l-oħra li għandha tħallas it-talba kollha jew parti minnha.*
>
> *(2) Il-konvenut għandu permezz tat-Tribunal jinnotifika lil terzi:*
>
> *(a) b'kopja tat-talba; u*
>
> *(b) b'kopja tar-risposta tiegħu; u*
>
> *(ċ) b'avviż lil terzi; u*
>
> *(d) b'formola għal risposta vojta.*
>
> *(3) Meta terzi jagħmlu r-risposta tagħhom, huma għandhom isegwu l-proċedura li hemm biex issir risposta għal talba hekk kif inhi msemmija fir-regoli 4 u 5.*"

Illi f'tali rigward jinsab deciz ukoll li:

> "*id-difiza tat-terzo ignoto (jigifieri, ta' persuna mhux parti fil-kawza)* ***<u>ma hi difiza xejn ghaliex il-kawza hija bejn il-kontendenti, u l-ebda parti mit-tort ma tista' tigi addebita lil xi hadd li ma hux fil-kawza.</u>*** *Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza* **Camilleri v. Spiteri**, *deciza fid-9 ta' Dicembru 1968, la darba jigi ppruvat l-involviment tal-konvenut f'incident anke in parti, l-atturi "ghandhom dritt jikkonsegwew d-danni kollha minghand il-konvenut, salv talvolta lil dan id-dritt li jindennizza ruhu jekk jista' minghand it-terz ghall-parti tieghu ghall-htija."* " (**Joseph Bowman ghan-nom u in rapprezentanza tassocjeta` W. J. Parnis England Limited v. Joseph Scerri et** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-26 ta'Gunju, 2009 – enfazi mizjuda).

Ghaldaqstant huwa car li skont is-surreferit it-tieni u tielet eccezzjonijiet tal-konvenut jimmeritaw li jgu michuda.

Illi fir-rigward tal-*quantum* mitlub it-Tribunal isib li s-somma ta' €2357.95 tinsab konfermata mis-*survey report* imwettaq minn Natalino Agius u minnu kkonfermat bil-gurament ukoll f'dawn il-proceduri waqt is-seduta tad-19 t' Ottubru, 2020 liema ammont huwa fisser li huwa konsistenti minn €360 valur ta' parts, €1871.95 valur ta' riparazzjonijiet u loss of use ta' €126. Ma' dawn ghandhom jizdiedu s-somma ta' €6.99 ghar-rapport tal-Pulizija (ricevuta relattiva a fol. 27 tal-process) ghal total ta' €2364.94. Ghalkemm gew ezebiti ricevuti ta' hlas mir-rapprezentant legali tal-atturi, l-istess atturi baqghu ma ggustifikawx id-differenza bejn l-ispiza inkorsa minnhom u s-somma ta' danni ccertifikata tramite s-*surveyor report*. Jidher li, fil-fatt, almenu parti minn din is-somma hija kostitwita minn xi kiri ta' vettura oltre l-ammont tal-*loss of use* certifikat mill-istess *surveyor* tramite r-rapport tieghu. Hawn ukoll ma tirrizulta ebda gustifikazzjoni ghal tali differenza fil-valuri.

Konsegwentement, tenut kont il-kostestazzjoni tal-konvenut fir-rigward tal-*quantum* mitlub, it-Tribunal isib li t-talba attrici ghandha tigi milqugha limitatament f'tali somma certifikata u approvata mis-surveyor Agius u wkoll fl-ispiza ghall-gbir tar-rapport tal-Pulizija u kwindi ghat-total ta' €2364.94, *excess* tal-attrici inkluz.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' limitatament ir-raba' eccezzjoni sakemm kompatibbli mas-surreferit u jastjeni mill-jiehu konjizzjoni tal-bqija kwindi jilqa' t-talbiet attrici limitatament fis-somma ta' elfejn, tlett mija u erbgha u sittin euros u erbgha u disghin centezmi (€2364.94) u kwindi jikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas l-istess somma ta' elfejn, tlett mija u erbgha u sittin euros u erbgha u disghin centezmi (€2364.94) bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza kontra l-istess konvenut. L-ispejjez jigu sopportati in kwantu ghal parti minn hamsa (1/5) mill-atturi u ghar-rimanenti erba' partijiet (4/5) minn hamsa mill-konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**